**Kunsill Lokali Ħal Balzan**

# Rapport Amministrattiv

# 2022

*Imħejji minn Doriette Farrugia, Segretarju Eżekuttiv*

## Werrej

| | |
|---|---|
| **Introduzzjoni** | **1** |
| **Il-Kunsill** | **2** |
| **Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill** | **4** |
| **L-Iskeda tad-Dħul u l-Infiq** | **8** |
| **Rapport ta' Ħidma tal-Kunsilliera** | **11** |

## INTRODUZZJONI

Dan ir-Rapport Amministrattiv ikopri l-perjodu bejn l-1 ta’ Jannar 2022 u l-31 ta’ Diċembru 2022 u għaldaqstant jagħti rendikont tal-ħidma tal-Kunsill Lokali ta’ Ħal Balzan matul is-sena.

Matul is-sena 2022, tkompliet il-ħidma tal-Kunsil tad-disa’ leġislatura, li l-bidu tagħha kien fl-1 ta’ Lulju 2019.

## 2.1 Il-KUNSILL

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan, huwa magħmul minn ħames Kunsilliera.

| | |
|---|---|
| Dr Angelo Micallef | Sindku |
| Mary Louise Briffa | Viċi Sindku |
| Stephen Gatt | Kunsillier |
| Andrè Grech | Kunsillier |
| Dr Oliver Nicholas De Gaetano | Kunsillier |

## 2.2 PARTEĊIPAZZJONI FIL-LAQGĦAT TAL-KUNSILL

Matul is-sena 2022 inżammu ħmistax (15) – il laqgħa tal-Kunsill u laqgħa tal-lokalità, u l-attendenza kienet kif ġej:

| | **Laqgħat tal-Kunsill Nru. 41 - 55 u Laqgħat tal-Lokalità Nru. 5** | **PREŻENTI** | **SKUŻAT/A** | **ASSENTI** | **%** |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Dr Angelo Micallef | 16 | - | - | 100 |
| 2 | Mary Louise Briffa | 15 | 1 | - | 94 |
| 3 | Stephen Gatt | 16 | - | - | 100 |
| 4 | Andrè Grech | 13 | 3 | - | 81 |
| 5 | Dr Oliver Nicholas De Gaetano | 16 | - | - | 100 |

## 2.3 L-AMMINISTRAZZJONI TAL-KUNSILL

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabbiltajiet kollha skont l-Att dwar il-Gvern Lokali, tmexxiet, Mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv (bejn Jannar u Ġunju) u mis-Segretarju Eżekuttiv (bejn Lulju u Diċembru), bl-assistenza ta' impjegati oħra. Fil-preżent, l-Amministrazzjoni tal-Kunsill hija komposta kif ġej:

| | |
|---|---|
| Doriette Farrugia | Segretarju Eżekuttiv |
| Mariella Casha | Assistent Prinċipal |

F'Settembru ta' din is-sena, irtiraw żewġ skrivani, Claudine Hundsrucker u Bridget Bugeja.

Matul is-sena, il-Kunsill kellu wkoll dawn il-ħaddiema ssekondati:

| | |
|---|---|
| Martin Fenech | RSSL |
| Anthony Dimech | Community Work Scheme Enterprise Foundation (CWSEF) |

li jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni madwar il-lokalità.

Matul is-sena, il-Kunsill ikollu wkoll l-għajnuna ta' dawn l-esperti:

| | |
|---|---|
| L-Avukat Abigail Critien | Servizz Legali lill-Kunsill |
| Il-Perit Anthony Bezzina | Servizz ta' Perit |
| Is-Sur Mark Debono | Servizz ta' *Accountant* |

biex jgħinu lill-Amministrazzjoni fix-xogħol tagħha u fl-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill.

Ir-responsabbiltajiet li ġew assenjati lill-Kunsilliera huma kif ġej :

**Is-Sindku Dr Angelo Micallef**
L-Infrastruttura, Proġetti u l-Kultura

**Il-Viċi Sindku Mary Louise Briffa**
Iż-Żgħażagħ u Tfal, l-Anzjani u l-Edukazzjoni

**Il-Kunsillier Stephen Gatt**
L-Indafa, l-Ambjent, Komunitajiet, il-Qasam Soċjali u l-Integrazzjoni Soċjali

**Il-Kunsillier Andrè Grech**
L-iSports u Attivitajiet Fiżiċi

**Il-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano**
L-Innovazzjoni, Il-Ħarsien tal-Annimali u Fondi tal-Unjoni Ewropea

## 3.1 IL-FINANZI TAL-KUNSILL

Dawn huma l-bilanċi bankarji tal-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2022:

| | |
|---|---|
| BOV Current Account | €460,177.52 |
| BOV Savings Account (LC Other Entities) | €1,358.42 |
| BOV Savings Account (Central Region Council LES Surplus) | €34,314.39 |
| BOV Savings Account ( Local Enforcement System) | €19.559.15 |
| **Total** | **€515,409.48** |

Mit-total irid jitnaqqas l-ammont ta' €391.17 f'ċekkijiet li sal-31 ta' Diċembru 2022 kienu għadhom mhux imsarrfa.

## 3.2 IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL

Bħas-snin ta' qabel, din is-sena l-Kunsill kompla joffri diversi servizzi lir-residenti kollha tar-raħal.

**Ġbir ta' skart imħallat, organiku, riċiklabbli u ħġieġ**
Matul l-2022, il-Kunsill kompla għaddej bil-ġbir ta' skart imħallat, organiku, riċiklabbli u ħġieġ. Mis-sena d-dieħla dan is-servizz ser jgħaddi taħt ir-responsabbiltà tar-Reġjun Tramuntana.

**Ġbir ta' skart goff u WEEE**
Dan is-servizz jingħata darba fil-ġimgħa. Ir-resident għandu jikkuntattja l-Kunsill biex jagħmel appuntament. Dan is-servizz jiġi offrut mill-Kunsill mingħajr ħlas.

***Roadshow Campaign***
Matul din is-sena, WasteServ kompliet b'din il-kampanja fejn darba fix-xahar, promoturi tal-immaniġġjar tal-iskart jakkumpanjaw trakk speċjalizzat f'kull lokalità. L-għan ewlieni ta' din l-inizjattiva huwa li jinħoloq għarfien dwar l-immaniġġjar tal-iskart biex jiżdied is-separazzjoni tal-iskart. It-trakk jaċċetta diversi affarijiet, fosthom li ma jmorrux fil-borża tal-iskart riċiklabbli bħal jablo, żejt tat-tisjir, bozoz u tessuti fost oħrajn.

Fil-każ ta' Ħal Balzan, it-trakk ikun fil-pjazza, fit-tielet Ħamis tax-xahar filgħodu.

**Tindif tat-Toroq**
Għal darb'oħra l-Kunsill ħa ħsieb sabiex il-lokalità tinżamm fi stat nadif. Kull triq fil-lokal tinkines darbtejn fil-ġimgħa. Ħaxix ħażin li jikber mal-bankini, qed jinqata' kemm jista' jkun ta' spiss.

**Tiswija u Manutenzjoni tat-Toroq**
Din is-sena sar xogħol ta' rutina. Qatt m'hu biżżejjed iżda matul din is-sena sar xogħol ta' *patching* fit-toroq kollha fejn kien hemm bżonn kif ukoll li kien hemm każijiet li numru ta' toroq minnhom sar *patching* fihom għal aktar minn darba. Sar ukoll manutenzjoni tal- bankini fejn kien meħtieġ.

**Manutenzjoni tat-tabelli u sinjali tat-traffiku**
Permezz tal-ħaddiema assenjati kif ukoll il-*Handyman* li qiegħed b'kuntratt mal-Kunsill, sar xogħol kontinwu ta' manutenzjoni ta' tabelli u sinjali fil-lokalità. Ġew ordnati u twaħħlu numru konsiderevoli ta' tabelli tat-toroq.

***Tenders***
Matul is-sena il-Kunsill ħareġ tliet (3) *Tenders:*
- *Collection of Bulky Refuse in an environmentally friendly manner*
- *Embellishment Works in Triq il-Qarċilla, Ħal Balzan*
- *Pavement Works in Triq iz-Zekkuk, Ħal Balzan*

**Ħarġiet organizzati mis-Sotto-Kumitat għall-Anzjani, iż-Żgħażagħ u Tfal**
Matul din is-sena, ġew organizzati 6 ħarġiet, b'waħda minnhom fi Sqallija. Dawn il-ħarġiet huma ssussidjati mill-Kunsill.

***Pink October / Movember***
Din is-sena, il-Kunsill reġa' wera s-sapport tiegħu għall-inizjattiva *Pink October u Movember* billi xegħel il-faċċata tal-uffiċċju u l-*playing field* b'dawl roża / blu, tul ix-xahar t'Ottubru u November 2022.

**Jum Ħal Balzan**
Jum Ħal Balzan, din is-sena, ġie ċċelebrat is-Sibt, 22 ta' Ottubru 2022. Fl-istess ġurnata kien hemm l-għotja tal-Premju ta' Ġieħ Ħal Balzan.

Iċ-ċelebrazzjonijiet kienu jikkonsistu f'kunċert, organizzat bl-għajnuna tar-Reġjun Tramuntana, fi Triq l-Annunzjata, bis-sehem taż-żewġ baned tas-soċjetajiet mużikali tal-lokalità, il-preżentazzjoni tal-Premju ta' Ġieħ Ħal Balzan u riċeviment.

Il-Premju ta' Ġieħ Ħal Balzan din is-sena ingħata lill-
- Mary Rose Cutajar fil-katergorija Lokali;
- Rogolin Bakery fil-kategorija Nazzjonali;
- Mikela Riolo fil-kategorija Internazzjonali; u
- Julian Bajada fil-kategorija Internazzjonali.

Din is-sena ġiet mgħoti wkoll Rikonoxximent lill-Għaqda tan-Nar San Gabriel.

**Attivitajiet għal żmien il-Milied**
Bħas-snin ta' qabel, din is-sena il-Kunsill reġa' ħaseb biex fil-ġranet ta' żmien il-festi tal-Milied, jiżżejnu u jinxtegħlu numru ta' toroq b'dawl dekorattiv. Parti mill-ispiża ġiet iffinanzjata mir-Reġjun Tramuntana u mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, permezz ta' Skemi biex jiġu rifonduti spejjeż relatati ma' attivitajiet / armar ta' żmien il-Milied.

Fil-11 ta' Diċembru 2022, ġiet organizzata attività fil-*playing field* b'għajnuna finanzjarja mir-Reġjun Tramuntana. Din l-attività kienet tinvolvi daqq ta' mużika tal-Milied mill-grupp Tikka Banda u bejgħ ta' prodotti tal-Milied bħal poinsettias, mince pies u affarijiet oħra.

Din is-sena, il-Kunsill qassam 165 poinsettia b'xejn bħala ġest żgħir għal Milied. Residenti setgħu jiġbru waħda (*per household*) mill-uffiċċju tal-Kunsill billi jippreżentaw il-karta tal-identità u kienu disponibbli fuq bażi ta' *first come first served*.

**Skemi maħruġa mill-Kunsill Reġjonali Tramuntana**
Matul din is-sena, il-Kunsill ibbenefika minn numru ta' Skemi maħruġa mill-Kunsill Reġjonali Tramuntana. Dawn jinkludu :

- <u>*Cultural and Sport Assistance Scheme*</u>
  Il-Kunsill applika għal din l-iskema. Permezz ta' din l-iskema bbenefikaw il-Każin tal-Banda San Gabriel (fejn ingħataw is-somma ta' €1,500 għal attività li organizzaw fl-24 ta' Settembru 2022) u l-Każin tal-Banda Filarmonika Marija Annunzjata (fejn ingħataw is-somma ta' €1,500 biex inxtara drapp għall-pavaljuni tal-festa).

- *Libraries Scheme*
  Il-Kunsill ser ikun qed jibbenefika mis-somma ta' €2,500 biex jintużaw għax-xiri ta' kotba, xkaffar u inizjattivi oħra relatati mal-librerija. Dawn il-fondi ser jiġu nvestiti f'*e-books*.

- *Christmas Assistance Scheme*
  Il-Kunsill applika u ser jibbenefika mis-somma ta' €4,000 sabiex jiġu ffinanzjati parti mill-ispejjeż relatati mal-attivitajiet ta' żmien il-Milied.

**Skemi maħruġa minn entitajiet diversi**
Matul din is-sena, il-Kunsill applika għal numru ta' Skemi maħruġa minn entitajiet diversi. Dawn jinkludu:

- SPI/SCI/09/2022 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom
  Il-Kunsill applika u ser ikun qed jibbenefika mis-somma ta' €27,167.15 biex jixtri vann elettriku biex il-Kunsill ikun jista' joffri trasport nadif lill-anzjani. Is-servizz offrut ser ikun trasport għal affarijiet essenzjali għall-anzjani tal-lokal.

- Tiżjin tal-Milied fil-Lokalità 2022/2023 - MTA
  Il-Kunsill applika u ser jibbenefika mis-somma ta' €3,000 sabiex tiġi ffinanzjata parti mill-ispejjeż relatati mat-tiżjin ta' diversi toroq bi dwal tal-Milied. L-ispiża totali ta' dan il-proġett tammonta €5,040.00.

- *LC Care Project Grant Support Scheme 2020*
  Il-Kunsill applika għal din l-iskema maħruġa mill-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali. Permezz ta' din l-iskema il-Kunsill ser jingħata €3,600 (80% tal-ispiża) sabiex jipprovdi s-servizz ta' veterinarju, medikazzjoni u ikel għal *stray cats* u biex issir kampanja edukattiva. Dan il-proġett ġie mplimentat bejn l-1 ta' April 2021 u l-31 ta' Marzu 2022.

## 3.3 ORGANIZZAZZJONI

L-Organizzazzjoni tal-Kunsill hija msejsa fuq din l-istruttura:

- Is-Sindku, l-Viċi Sindku u tliet Kunsilliera.

- L-Uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv li tiġbor fiha s-Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti, is-Sezzjoni Finanzi u l-Akkwist ta' Servizzi, u s-Sezzjoni Amministrazzjoni u Riżorsi Umani.

Għalkemm din l-istruttura tippermetti li l-Kunsill ikun jista' jattwa bi prattiċita' l-ħidma tiegħu, irid ikun rikonoxxut li din ssib l-aħjar sistemi bejn l-istruttura organizzattiva fis-settur privat u dik fis-settur pubbliku.

Ir-rwoli ta' kull min hu nvolut fil-Kunsill, mis-Sindku u l-Kunsilliera 'l isfel, għandu dejjem ikun definit u miftiehem, fejn is-Sindku u l-Kunsilliera bħala *policy makers* imexxu u jiddeċiedu l-pjani ta' ħidma tagħhom għal-lokalità, u minn hemm l-Amministrattur, is-Segretarju Eżekuttiv, permezz tal-Uffiċċju tiegħu, jeżegwixxi dawk il-*policies* u d-deċiżjonijiet kollha maqbula mill-Kunsill, bl-aħjar mod possibbli, dejjem skont kif jippermettu l-istess finanzi u fl-aqsar żmien mingħajr indħil tal-Kunsilliera.

L-objettivi tal-Kunsill huma mibnija fuq żewġ sisien prinċipali – l-aħjar valur għall-flus f'dak kollu li jitwettaq mill-Kunsill u sabiex b'ekonomija, b'effiċjenza u b'effettivita' il-Kunsill ikollu l-aħjar paragun ta' spiża possibbli.

L-istruttura mħaddna fuq dawn il-kunċetti għandha wkoll tiggarantixxi *feedback* kontinwu f'kull settur inkluż il-klijent, li fil-każ ta' gvern lokali m'hu ħadd għajr iċ-ċittadin tal-lokalità.

## 3.4 SERVIZZ TAR-RELAZZJONIJIET MAR-RESIDENTI / KLIJENTI

**L-Uffiċċju Amministrattiv**
L-Uffiċċju Amministrattiv hu mmexxi mis-Segretarju Eżekuttiv, skont l-Att dwar il-Gvern Lokali, ir-Regolamenti dwar il-Kunsilli Lokali , permezz tal-Avviżi Legali u l-proċeduri li jinħarġu minn żmien għal żmien, li jara lid-deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill ikunu attwati.

**Impjegati tal-Kunsill**
Matul din is-sena kien hemm żieda qawwija fil-*workload* tal-uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-impjegati tal-Kunsill.

L-impjegati tal-Kunsill iwettqu b'ħidma kontinwa r-responsabbiltajiet kollha tal-Kunsill u huwa impossibbli li wieħed jelenka bid-dettalji kollha l-ħidma li jwettqu. Ix-xogħol meħtieġ sabiex jirnexxu kemm il-laqgħat, kif ukoll kull xogħol ieħor tal-Kunsill f'Ħal Balzan, ħafna drabi jieħu ħafna xogħol moħbi, xogħol li jkun mibni, ppreparat u jitlesta mill-impjegati tal-Kunsill.

Illum l-impjegati tal-Kunsill kapaċi jmexxu l-Uffiċċju b'effiċjenza mill-aqwa, u kapaċi jaħdmu meta jingħataw ir-responsabbiltà kollha.

Ta' dan nirringrazzja l-ħidma bla waqfien li dejjem jagħtu l-impjegati kollha tal-Kunsill, u dan kollu jagħmel is-suċċess kbir li l-Kunsill Lokali Ħal Balzan qed jikseb tul dawn is-snin tal-ħidma tiegħu.

## 3.5 KONKLUŻJONI

Din hija fil-qosor il-ħidma tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan għas-sena 2022. Ta' min jinnota li matul is-sena sar aktar xogħol mill-impjegati tal-Kunsill u mis-Segretarju Eżekuttiv li ma ġewx inklużi f'dan ir-rapport.

Dan kollu għen sabiex il-Kunsill jagħti l-aħjar servizz, għaliex l-għan tal-Kunsill huwa li jagħti l-aqwa servizz lir-residenti, u dan ġie applikat u mħaddem b'mod mill-aktar konsistenti, u se jibqa' jitħaddem bl-aħjar mod 'l quddiem.

Biex nikkonkludi, nixtieq nieħu l-opportunita' biex nirringrazzja lis-Sindku, Dr Angelo Micallef, tas-sapport u l-impenn sħiħ tiegħu u lill-Kunsilliera tad-disponibbiltà, l-impenn u l-kontribut lejn ir-residenti u l-lokalità. Nixtieq nirringrazzja wkoll lill-amministrazzjoni tar-responsabbiltà u l-motivazzjoni tagħhom matul is-sena kollha u lill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

**IFFIRMAT**

__________________________

Doriette Farrugia
**Segretarju Eżekuttiv**

## 4.1 L-ISKEDA TAD-DĦUL U L-INFIQ

| | 2022 | 2021 |
|---|---|---|
| **Id-Dħul** | **€** | **€** |
| Mill-Gvern | **422,444** | 421,480 |
| Minn Kontravenzjonijiet | **1,777** | 1,481 |
| Ġenerali | **24,620** | 23,177 |
| Finanzjarju | **12** | 12 |
| **Total** | **448,837** | 446,150 |
| **L-Infiq** | | |
| Salarji | **(105,045)** | (102,287) |
| *Operations and Maintenance* | **(224,115)** | (153,642) |
| Amministrazzjoni u Spejjeż oħra | **(140,184)** | (150,170) |
| **Total** | **(469,334)** | (406,099) |
| **Bilanċ / (Defiċit)** | **(20,491)** | 40,051 |

## 4.2 L-ISKEDA TAD-DĦUL FID-DETTALL

| | 2022 | 2021 |
|---|---|---|
| | € | € |
| **Dħul mill-Gvern** | | |
| Allokazzjoni Annwali | **343,288** | 335,287 |
| Dħul ieħor mill-Gvern | **76,156** | 83,808 |
| Dħul ieħor Supplimentari | **3,000** | 2,385 |
| | **422,444** | 421,480 |
| **Dħul minn Kontravenzjonijiet** | | |
| Dħul minn *LES administration fees* | **1,375** | 1,159 |
| Dħul minn kontravenzjonijiet | **402** | 322 |
| | **1,777** | 1,481 |
| **Dħul Ġenerali** | | |
| Permessi | **24,581** | 26,270 |
| Kontribuzzjonijiet u donazzjonijiet | **39** | 2,012 |
| | **24,620** | 28,282 |
| **Dħul Finanzjarju** | **12** | 12 |
| **Dħul Totali** | **448,837** | 446,150 |

## 4.3 L-ISKEDA TAL-INFIQ FID-DETTALL

| **Salarji** | 2022 | 2021 |
|---|---|---|
| | € | € |
| Onorarja tas-Sindku | **10,742** | 10,542 |
| Salarju tas-Segretarju Eżekuttiv | **37,083** | 32,749 |
| Salarji tal-Impjegati | **39,242** | 40,035 |
| Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali | **4,978** | 6,040 |
| *Allowances* tal-Kunsilliera | **13,000** | 12,921 |
| | **105,045** | 102,287 |
| ***Operations and Maintenance*** | | |
| **Tiswijiet u Manutenzjoni:** | | |
| Sinjali u Tabelli tat-Traffiku | **1,682** | 842 |
| *Public Property* | **24,405** | 16,472 |
| Marki tat-Traffiku | **1,630** | 826 |
| Tiswijiet u Manutenzjoni Oħra | **2,279** | 1,735 |
| | **29,996** | 19,875 |

| | | |
|---|---|---|
| **Spejjeż ta' Kuntratti:** | | |
| Ġbir ta' Skart | **133,534** | 81,927 |
| Ġbir ta' Skart Goff | **8,405** | 9,287 |
| Knis u Tindif ta' Toroq | **37,868** | 35,802 |
| Tindif u Manutenzjoni tal-latrina pubblika | **1,444** | 584 |
| Tindif u Manutenzjoni tal-*Parks & Gardens* | **6,932** | 3,220 |
| Tiswijiet u Manutenzjoni tad-dawl tat-toroq | **2,831** | - |
| Oħrajn | **3,105** | 2,947 |
| | **194,119** | 133,767 |
| | **224,115** | 153,642 |

| | | |
|---|---|---|
| **Amministrazzjoni u Spejjeż Oħra** | | |
| Dawl, ilma, telefon, internet, etc | **4,758** | 4,053 |
| Xiri ta' materjal (*Materials & Supplies*) | **1,431** | 1,439 |
| Kera | **2,000** | 1,950 |
| *Lease Interest* | **3,451** | 3,903 |
| *Memberships* | **1,032** | 15 |
| Spejjeż tal-uffiċċju | **3,189** | 2,515 |
| Trasport | **537** | 1,167 |
| Informazzjoni lill-Pubbliku | **3,539** | 3,221 |
| Servizzi Professjonali | **44,618** | 39,739 |
| Servizzi lill-Komunità u Attivitajiet | **21,037** | 40,568 |
| *Local Enforcement Expenses* | **163** | 111 |
| Spejjeż oħra varji | **1,000** | - |
| *Assets written-off* | **-** | - |
| *Depreciation* | **53,429** | 51,489 |
| | **140,184** | 150,170 |
| **Infiq Totali** | **469,334** | 406,099 |

## Rapport ta' Ħidma tal-Kunsilliera minn Jannar sa Diċembru 2022

## Is-Sindku Dott Angelo Micallef

Responsabbli mill-Infrastruttura, Proġetti u l-Kultura

Is-sena 2022 kienet sena oħra mimlija sfidi interessanti għall-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan. Sena fejn kompliet il-ħidma tal-Kunsill Lokali fuq numru ta' fronti differenti.

**Tisħiħ fl-amministrazzjoni**

Il-bidu tas-sena 2022 bdiet fuq nota kemm xejn inqas pożittiva għal Kunsill Lokali. Il-pajjiż kien għadu maħkum mill-isfidi tal-COVID-19 u propju l-obbligu ta' kwarantina għal kull min kien ikun f'kuntatt ma' xi ħadd bil-COVID-19 wassal sabiex fl-ewwel jiem ta' Jannar 2022 l-uffiċċju tal-Kunsill kellu sfidi sinjifikanti sabiex ikompli bl-operat fiżiku tiegħu b'mod normali. Kien għalhekk li l-Kunsill impenja ruħu sabiex is-sitwazzjoni tiġi ndirizzata minnufih.

Il-Kunsill għalhekk tejjeb il-faċilitajiet operattivi tiegħu sabiex b'hekk fetaħ l-abbilta' tiegħu li jżid il-membri ta' l-istaff sabiex jiġi assigurat li fil-futur l-isfidi ffaċjati f'Jannar 2022 ma' jerġawx iseħħu. Mbgħad beda l-proċess sabiex ikun hemm żieda fl-istaff tal-Kunsill. Huwa mistenni għalhekk li matul is-sena 2023 il-Kunsill Lokali jkollu *staff compliment* ta' *full timers* akbar sabiex b'hekk ikun hemm titjib fis-servizz offrut mill-uffiċċju ta' l-istess Kunsill. Min hawn ngħaddi wkoll kelma ta' ringrazzjament lir-Reġjun Tramuntana li kienu ta' appoġġ kbir f'dawn l-isfidi.

**Tisħiħ tar-relazzjonijiet mal-ambaxxata Spanjola**

Matul din is-sena l-Kunsill għamel ħidma sabiex titkompla r-relazzjoni tajba mal-ambaxxata Spanjola. Dan anke permezz ta' laqgħat ma' l-ambaxxatur Spanjol l-Eċċellenza Jose' Maria Muriel fejn il-Kunsill qiegħed jipprova jiftaħ kull triq sabiex ikun hemm ġemellaġġ bejn Ħal Balzan u belt fi Spanja. Dan anke in vista tal-fatt li hemm rabtiet kulturali kbar bejn it-tradizzjonijiet ta' Ħal Balzan u dawk ta' bosta bliet fi Spanja.

**Restawr Ġnien Stellini**

Matul is-sena 2022 il-Kunsill wettaq ħidma ta' restawr ta' Ġnien Joseph Stellini. Sar *safety carpet* ġdid għall-bandli, tneħħiet iż-żurżieqa l-antika u minfloka ġiet installata waħda ġdida, sar restawr tal-*public conveniences* u sar tibjid mill-ġdid tal-ħitan kollha tal-ġnien. Inżergħaw bosta xtili u pjanti ġodda sabiex b'hekk tisaħħaħ l-element ta' ħdura fil-ġnien. Matul is-sena 2023 il-Kunsill ser jara li jiżdied id-dawl fil-ġnien partikolarment fl-area tal-gazebo.

**Mawra sa Sqallija**

Il-ħidma fejjieda tal-Viċi Sindku Mary Louise Briffa tinkludi li torganizza ħara kull xahar. Dawn il-ħarġiet ivarjaw min xi ikla tajba fl-Mġarr għal mawra f'Għawdex. F'Lulju 2022 saret ħarġa ferm speċjali hekk kif il-Kunsill Lokali flimkien ma' grupp mdaqqas ta' residenti Balzanin marru Sqallija. Kien jum mill-isbaħ fejn gawdejna fost l-isbaħ elementi li taf toffri Sqallija. Fuq kollox kien mument sabiħ meta ħadna ritratt f'Pozzallo bil-bandiera sabiħa ta' Ħal Balzan f'idejna f'turija li aħna kburin li Balzanin!

***Cigarette bins* ġodda**

Il-vizzju tat-tipjip huwa vizzju ħażin għal but u għas-saħħa. Madankollu jeħtieġ li min ipejjep ikollu l-faċilitajiet meħtieġa sabiex ikun jista' jiddisponi mis-sigarett tiegħu mingħajr ma' jarmi fl-art. Għalhekk il-Kunsill waħħal numru ta' *cigarette bins* madwar ir-raħal f'dawk l-inħawi fejn b'mod regolari jkun hemm nies ipeppju. L-għan huwa li ngħinu lil kulħadd nżommu lil Ħal Balzan post nadif.

**Ħidma ma' l-NGO Żibel**

Il-jiem tal-festi huma bla dubju l-isbaħ jiem tas-sena għar-raħal tagħna. Jiem fejn ninġabru flimkien sabiex niċċelebraw l-festa ta' Marija Annunzjata. Huma jiem ukoll fejn jiġi ġenerat ammont ta' skart fil-forma ta' flixken tal-plastic ta' *soft drinks, juices* u laned tal-birra. Il-Kunsill Lokali għalhekk fl-2022 ingħaqad ma' l-NGO Żibel sabiex fi Ġnien Joseph Stellini fil-jiem tal-festa kienet installata l-'Kaxxa', inizjattiva mill-isbaħ ta' din l-NGO fejn in-nies jistgħu jarmu l-materjal riċiklabbli minflok ma' dan jispiċċa ma' l-art fit-toroq.

**Restawr ta' Santa Marija**
Matul is-sena 2022 sa fl-aħħar bdiet il-ħidma ta' restawr fuq l-istatwa ta' Santa Marija. Min hawn nrodd ħajr lil Ministeru tal-Kultura għal dan l-intervent mill-aktar meħtieġ sabiex tiġi salvagwardjata din l-istatwa storika. Il-Kunsill Lokali kien ilu numru ta' snin jagħmel pressjoni u jimbotta sabiex dan ir-restawr fuq din l-istatwa storika jsir.

**Jum Ħal Balzan**
Fit-22 t'Ottubru ġie ċċelebrat Jum Ħal Balzan permezz ta' kunċert konġunt bejn iż-żewġ baned Balzanin, il-Każin tal-Banda San Gabriel u s-Soċjetà Filarmonika Marija Annunzjata. Grazzi lil dawn iż-żewġ soċjetajiet tal-ħidma tagħhom f'din il-lejla mżewqa b'tant mużika sabiħa u bl-għoti tal-premijiet ta' Ġieħ Ħal Balzan. Grazzi lil kunsill kollu ta' ħidma bla waqfien, b'mod partikolari l-Viċi Sindku Mary Louise Briffa.

***Keeping Paws Warm***
Bħala parti mill-*European Week for Waste Reduction* il-Kunsill Lokali nieda l-inizjattiva *Keeping Paws Warm*. F'din l-inizjattiva nġabbru kutri antiki u lożor antiki li mbgħad ingħataw b'donazzjoni lill-Island Sanctuary f'Delimara u Animal Guardians Cat Cafe' fir-residenza San Vinċenz De Paule. Grazzi lil kull min offra d-donazzjoni ġeneruża tiegħu.

**Milied**
Il-Kunsill mill-ġdid reġa ħaseb sabiex għal żmien il-Milied numru ta' toroq fir-raħal jilbsu libsa dekorattiva sabiex b'hekk noħolqu fir-raħal tagħna spirtu sabiħ ta' Milied. Saret ukoll attivita' tal-Milied bis-sehem tal-grupp popolari Tikka Banda fi Ġnien Joseph Stellini fejn kien hemm ukoll il-bejgħ ta' prodotti tradizzjonali tal-Milied min bosta għaqdiet tar-raħal. Il-Kunsill appoġġja wkoll l-inizjattiva ta' numru ta' residenti sabiex mill-ġdid sar l-armar tant sabiħ taż-żona ta' Wesgħa Ġigi Gauci.

**Laqgħa mas-Sindku ta' Pedara**
F'Diċembru kien unur li jkolli laqgħa mas-Sindku ta' Pedara Alfio Cristaudo. Pedara hija belt fi Sqallija fejn hemm devozzjoni partikolari lejn Marija Annunzjata. Matul il-laqgħa bdew l-ewwel taħdidiet sabiex jiġi esplorat kif iż-żewġ kunsilli nistgħu naħdmu aktar qrib xulxin.

**Bidla fil-ġbir ta' skart**
Mill-bidu tal-2023 il-ġbir ta' skart mar min livell lokali għal dak reġjonali. Dan fisser ħidma mhux żgħira ta' koordinament bejn il-kunsilli lokali u r-reġjuni sabiex jiġu evitati problemi żejda f'din il-bidla. Il-Kunsill nieda wkoll kampanja edukattiva sabiex jiġi mwassal tgħarif dwar l-iskeda l-ġdida applikabbli mill-ewwel jiem tas-sena 2023. Il-Kunsill jrodd ħajr lir-Reġjun Tramuntana; kienet ħidma mhux faċli u li kienet tinkludi siegħat twal ta' laqgħat imma li mxiet b'mod pożittiv ħafna.

**Laqgħa ma' Infrastructure Malta u ħidma oħra infrastrutturali**
Il-Kunsill kompla bil-ħidma tiegħu sabiex fl-iskedar ta' ħidma ta' Infrastructure Malta bejn l-2023 u l-2025 ikun hemm numru ta' toroq f'Ħal Balzan li jiġu skedati. Il-Kunsill rnexxielu jara li jiġi assigurat li f'dak il-program ta' ħidma jiġu skedati Triq il-Kbira, Triq Idmejda, Triq il-Kardinal Cardijn, parti minn Triq San Franġisk, u Triq Dun Ġwann Zammit Hammet.

Il-Kunsill kompla wkoll bil-ħidma prepattiva sabiex fl-iqsar żmien possibli tibda l-ħidma għal bini ta' bankina mill-ġdid fi Triq Zekkuk u t-tnedija ta' embelishment tal-wesgħa fi Triq Qarċilla.

**Ħidma magħquda**
Il-ħidma tal-Kunsill tinkludi numru kbir ta' laqgħat (laqgħat tar-reġjun, ta' l-AKL, ma' dipartimenti governattivi, entitajiet pubbliċi, residenti u għaqdiet lokali). Ħafna siegħat twal ta' ħin volontarju. Grazzi mill-qalb lil kollegi Mary Louise Briffa, Stephen Gatt, Andre' Grech u Oliver De Gaetano ta' dedikazzjoni kbira u talli dejjem joffru kull għajnuna meħtieġa. Grazzi wkoll lill-istaff tal-Kunsill u lis-Segretarju Eżekuttiv Doriette Farrugia tal-ħidma impekkabli.

## Il-Viċi Sindku Mary Louise Briffa

Responsabbli mit-Tfal, Żgħażagħ, Anzjani u l-Edukazzjoni

Nittama li kulħadd jinsab tajjeb u issa li l-pandemija tal-Covid-19 bdiet tbagħtti, nistaw inkomplu nimxu mal-pjanijiet u l-attivitajiet li konna ffissajna s-sena preċedenti. Kif l-affarijiet reġaw ġew għan-normal bdejt naħdem fuqhom b'effett immedjat. Dan qed ngħamlu b'impenn u mħabba lejn ir-raħal u r-residenti tagħna sabiex ngħatu l-aħjar servizz u b'hekk nkunu nistgħu intejjbu l-kwalità tal-ħajja tan-nies.

Dan li ġej, hu dak li diġa' ġie mibdi u li hu ppjanat isir fil-futur qarrib.

**Tfal**

Hekk kif l-affarijiet ġew għan-normal, erġajt bdejt naħdem b'impenn fuq il-lezzjonijiet tal-kompjuter li ġew imħallsa mill-Kunsill. Minn barra hekk, għamilna tibdil konsiderabbli fil-bandli biex it-tfal ikunu jistgħu jikrejaw ruħhom sigur. Ħaġa oħra li ħa nkun qed naħdem fuqha hija l-organiżżazzjoni ta' ħarġiet edukattivi għat-tfal.

**Żgħażagħ**

Jien u sħabi l-kunsilliera ltqajna mal-persuni nkarigati miċ-Ċentru taż-Żgħażgħ biex naraw kif nistgħu ngħinuhom fil-problemi li jistgħu jiltaqgħu magħhom, bħal fosthom biex japplikaw u jissieħbu bħala Organizzazzjoni Volontarja (VO).

**Anzjani**

Wieħed mis-servizzi li tkompla fis-sena 2022 kien dak ta' *shuttle service* mill-pjazza tar-raħal li jwassal lill-anzjani sal-berġa tas-saħħa ta' Birkirkara, l-isptar Mater Dei, il-banek u l-uffiċċju postali. Servizz ieħor li l-anzjani tar-raħal tagħna jistgħu jgħamlu użu minnu hu dak fejn anzjani li ma jistgħux joħorġu minn darhom ikollom infermieri li jmorru d-dar tagħhom biex jittieħdu t-testijiet tad-demm.

Organiżżajna wkoll kors ta' ħames ġimgħat lill-anzjani minn Dr. Stephen Mizzi (podiatrist), fejn spjegalhom dwar il-kura tas-saqajn, kundizzjonijiet tas-saħħa relatati mas-saqajn, kif ukoll tagħhom informazzjoni fuq żraben differenti u li huma addattati biex tittieħed kura tas-saqajn.

Bi pjaċir ngħid li l-ħarġiet ta' kull xahar kull ma jmur qegħdin dejjem isiru iżjed popolari. L-attendenza qiegħda tiżdied xahar wara xahar u dan huwa dovut għall-għażla tal-post u l-prezzijiet raġonevoli. Fis-sena 2022, minbarra l-ħarġiet mensili, kellna wkoll mawra s'Għawdex u anki ġita ta' ġurnata fi Sqallija.

**Edukazzjoni**

F'dan is-settur, organiżżajna korsijiet tal-kompjuter għat-tfal, żgħażagħ u anzjani. Dawn il-korsijiet kienu maqsumin fi tlett kategoriji:

- Għal dawk li jixtiequ jitgħallmu jużaw il-mowbajl u l-kompjuter b'mod bażiku
- Korsijiet tal-kompjuter ta' livell aktar avvanzat
- Korsijiet li jwasslu għaħl-eżamijiet tal-ECDL

Inizjattiva oħra li ttieħdet kienet il-ftuħ tal-librerija fil-Kunsill li hija miftuħa għar-residenti kollha ta' Ħal Balzan u fejn tappella għall-etajiet varji.

Finalment, għal Jum Ħal Balzan, tellajna kunċert bil-parteċipazzjoni taż-żewġ soċjetajiet mużikali. Għal din l-attività r-residenti ta' Ħal Balzan attendew bi ħġarhom.

**Konklużjoni**

Ngħalaq dan ir-rapport billi nirringrazzja lis-Sindku Dr. Angelo Micallef tal-appoġġ u l-fiduċja li juri fija, lill-sħabi l-Kunsilliera, l-istaff kollu tal-Kunsill u lis-sotto-kumitat tiegħi tal-għajnuna kontinwa tagħhom.

## Il-Kunsillier Stephen Gatt

Responsabbli mill-Indafa, l-Ambjent, Komunitajiet, il-Qasam Soċjali u l-Integrazzjoni Soċjali

Issa li għal din is-sena 2022 il-Covid-19 m'għadiex magħna stajna nagħmlu ċerti attivitajiet u laqgħat mar-residenti. Organiżżajna Kunċert kompost mill-mużiċisti miż-żewġ baned ta' Ħal Balzan.

Il-ħidma tiegħi ta' kuljum hi li nattendi l-uffiċċju tal-Kunsill fejn nirraporta l-ilmenti jew suġġerimenti li nkun ilqajt waqt il-*walkaround* mar-raħal. Dawn il-*walkarounds* iservu biex inkun nista' niltaqa' mar-residenti fuq il-post fejn joqgħodu. Dan għalija hu l-uffiċċju tiegħi fit-triq u jservi wkoll l-Università tat-triq fejn ir-resident jesprimi l-opinjoni personali tiegħu.

Matul din is-sena attendejt diversi *seminars* nirrapreżenta l-Kunsill Lokali.

Nagħlaq biex nirringrazzja lis-Sindku, Kunsilliera, is-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff kollu tal-uffiċċju għall-kooperazzjoni kontinwa.

## Il-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano

Responsabbli mill-Innovazzjoni, il-Ħarsien tal-Annimali u Fondi tal-Unjoni Ewropea

### Il-Ħarsien tal-Annimali

Meta noħroġ interraq fit-toroq ta' Ħal Balzan, sfortunatament ninnota li għad hawn ħafna min ma jiġborx il-ħmieġ wara l-klieb tiegħu. Li wieħed irabbi l-annimali fiha nnifisha hija ħaġa tajba, anzi ammirevoli, għax dan ikun ifisser li aħna soċjetà ħanina li nieħdu nteress f'dawk il-ħlejjaq li ma jistgħux jiddefendu ruħhom. Però, wieħed jeħtieġ li jkun responsabbli u li jipprevali wkoll is-sens ċiviku fl-aħjar interess ta' kulħadd. Għaldaqstant, flimkien ma' sħabi l-Kunsilliera, imbarkajna fuq inizjattiva fejn ġew stampati tabelli b'messaġġi li jfakkru u jeżortaw kemm lir-residenti Balzanin kif ukoll lil dawk kollha li jkunu għaddejjin bil-klieb tagħhom minn Ħal Balzan, sabiex inaddfu wara l-klieb tagħhom. Barra minn hekk, il-Kunsill għad għandu għad-disponibbiltà tal-cat feeders u dawk li għandhom għal qalbhom il-qtates, żewġ cat traps, kif ukoll gaġeġ sabiex ikunu jistgħu jintużaw kull meta xi ħadd minnhom ikollu bżonn jaqbad xi qattus sabiex jieħdu għand il-veterinarju għall-kura ossija trattamenti li jkun jeħtieġ. Jien dejjem infaħħar u ninkoraġġixxi li wieħed juri mħabba u empatija mal-annimali u mhux l-ewwel darba li daħħalt idi fil-but sabiex nagħti provvisti lil dawk il-cat feeders anzjani, għax nifhem kemm il-missjoni tagħhom tinvolvi spejjeż u tajjeb li dawn isibu min jinkoraġġihom sabiex ikomplu jagħmlu l-ġid.

### L-Innovazzjoni

Minkejja li issa l-imxija tal-COVID-19, tista' tgħid li qiegħda warajna, xorta waħda għadek issib bosta anzjani li għadhom iħossu sens ta' apprensjoni sabiex joħorġu u jagħmlu l-qadi ta' kuljum. Nemmen li l-ħidma ta' Kunsillier ma hijiex marbuta biss mad-dekasteri li jkunu ġew assenjati lilu u għaldaqstant mhux l-ewwel darba li assistejt xi resident ta' Ħal Balzan billi għamiltlu x-xiri li kellu bżonn jew fi kwalunkwe ħaġa oħra li seta' ġie bżonni fiha. Fuq kollox l-innovazzjoni titlob li wieħed jaħseb lil hinn mill-mezzi konvenzjonali, sabiex b'xi mod jew ieħor ikun ta' servizz għall-komunità tal-lokal li jkun għoġobha teleġġih sabiex jirrappreżenta l-interessi tagħha fuq livell ta' Kunsill Lokali.

### Il-Fondi tal-Unjoni Ewropea

Fid-dawl tal-fatt li l-iskema għall-applikazzjoni ta' fondi għar-restawr ta' statwi u affarijiet oħrajn ta' valur kulturali fir-raħal, tapplika biss għal dawk il-villaġġi ikklassifikati bħala 'rurali', Ħal Balzan ma jistax jagħmel użu minnha. Biss, hemm affarijiet oħra li bħala Kunsill Lokali nistgħu nagħmlu użu minnhom, u kull meta tiġi opportunità, aħna naraw kif nagħmlu u nużawha bl-aħjar mod. L-għaqda 'Servizzi Ewropej f'Malta', (minn issa 'l quddiem SEM), hi propensa li tassisti lill-Kunsilli Lokali sabiex jiksbu fondi mill-Unjoni Ewropea, ħalli b'hekk ikunu jistgħu jimbarkaw fuq proġetti ta' ġemellaġġi ma' bliet ossija rħula oħrajn fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Bħala Kunsillier Lokali inkarigat mill-Fondi Ewropej, flimkien ma' sħabi l-Kunsilliera l-oħrajn, ninsab ħerqan immens sabiex inkomplu nesploraw possibbiltajiet sabiex tali ġemellaġġ ikun tabilħaqq jista' jsir realtà. Sfortunatament, meta niktbu lil Kunsilli Lokali ta' lokalitajiet oħrajn minn pajjiżi Ewropej, ir-rispons mhux dejjem ikun wieħed inkoraġġanti, biss aħna nkomplu nħarsu 'l quddiem sabiex naraw din il-ħolma tavvera ruħha. F'dinja fejn dejjem qed tiżdied il-kuxjenza dwar l-importanza li nnaqqsu l-emissjonijiet, il-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan ukoll qiegħed jiġbed ħabel wieħed sabiex nirċievu fondi ħalli jkunu jistgħu jiżdiedu ċ-charging stations fejn wieħed ikun jista' jipparkja l-vetturi elettriċi tiegħu u jiċċarġjahom. M'għandniex xi ngħidu li proġetti bħal dawn jirrikjedu investiment liema bħalu u li għaldaqstant, flimkien ma' sħabi l-Kunsilliera napprezzaw l-użu ta' fondi f'dan ir-rigward, ħalli b'hekk nistgħu inkunu parti minn katina iżjed wiesgħa, sabiex flimkien nikkontribwixxu għal arja iżjed nadifa.

### Punti Ġenerali

Fuq nota personali, nixtieq inrodd ħajr, kemm lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, lir-Reġjun, lil sħabi l-Kunsilliera kif ukoll lill-persunal kollu tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan, kemm il-ħaddiema amministrattivi kif ukoll dawk li jaħdmu fuq barra, għall-ħidma pożittiva u s-sens ta' kooperazzjoni li hemm, sabiex ir-resident aħħari jkun jista' jingħata servizz effiċjenti u jħoss illi l-Kunsill Lokali jinsab dejjem fuq l-istess paġna tiegħu.